MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 67/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Cassar talli f'dawn l-ahhar snin ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq il-Kileb, Mqabba, li ghaliha huwa mehtiega permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, minghajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta' dak il-permess.

Il-Qorti giet mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-hati ghandu fi jew fuq il-proprjeta` immobili li dwarha sari r-reat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 63(2) *provisos* (i)(ii) ta’ l-Att I ta’ l-1992 (l-Att dwar l-Ippjanar), l-artikolu 16(1), 17(1)(2)(3)(8) u l-artikolu 17A tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien fis-sehh fis-7 ta’ Awissu 1992, sabet lill-imsemmi John Cassar hati u kkundannatu multa ta’ mitejn u erbgha u tletin euro (€234). Inoltre dik il-Qorti ordnat lill-imsemmi John Cassar, ai fini ta’ l-artikolu 17(3) tal-Kap. 10, inehhi s-sular zejjed li huwa bena mhux skond il-permess mahrug u dan fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata. Jekk is-sular ma jitnehhiex fiz-zmien moghti, l-imsemmi John Cassar ikun patibbli ghall-hlas ta’ multa ta’ €46.75 ghal kull gurnata li fiha jonqos li jnehhi l-bini msemmi. Il-multa ta’ €234 giet dikjarata dejn civili tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet jew tas-successur ta’ dan id-Dipartiment;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ John Cassar ipprezentat fit-23 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Jghid illi l-permess li jinbnew zewg sulari kien inhareg fuq Joseph Farrugia, u jidher li l-ewwel Qorti skartat dan il-punt. Aktar importanti minn hekk, skond l-appellant, il-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova illi l-appellant ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga fi Triq Santa Katerina kantuniera ma’ Triq il-Kileb, Mqabba, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi li dak iz-zmien kienu jirregolaw il-bini. Fil-fatt l-appellant ma jikkonfigura minn imkien hlief illi gew esebiti dokumenti illi snin wara illi alegatament inbena s-sular minghajr permess, l-appellant kien intavola applikazzjoni *“to re-*

*activate development permission on existing building and change of use of one garage to beauty salon"*. Dawn id-dokumenti, isostni l-appellant, mhumiex prova tal-fatt illi l-appellant ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-artikolu 16(1) tal-Kap. 10, minghajr dak il-pemess jew mhux skond il-kondizzjonijiet ta dak il-permess. Legalment kwalunkwe persuna, anke mhux is-sid jew il-pussessur, tista' tintavola applikazzjoni mal-MEPA. Ghalhekk din ma tikkostitwixxi l-ebda prova kontra l-appellant.

L-uniku xhud tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kien Gordon Schembri, *enforcement officer* mal-MEPA. Huwa qal illi l-appellant "ghandu sular zejjed fi Triq Santa Katerina corner with Triq il-Kileb, Mqabba, u m'ghandux permess biex ikoprieh." Jghid li l-appellant bena tliet sulari meta l-permess kien ghal tnejn. Esebixxa kopja tal-permess originali u ritratti tal-fond in kwistjoni. Esebixxa wkoll korrispondenza li tirrigwarda applikazzjoni biex jigi riattivat il-permess ta' zvilupp fuq *"existing building and change of use of one garage to beauty salon"*.

Issa, minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-permess originali nhareg lil certu Joseph Farrugia ta' 8 Church Square, Mqabba fis-17 ta' Ottubru 1988. Mill-istess dokumenti esibiti jidher li l-appellant dahal fix-xena fis-sena 2000 – tnax-il sena wara – meta l-bini kien diga` jezisti. Difatti jidher li t-talba tieghu kienet biex jigi riattivat permess ta' zvilupp fuq bini <u>ezistenti</u>. Min kien Joseph Farrugia? Ma jirrizultax. X'wassal lil Gordon Schembri jikkonkludi li kien l-appellant li kien bena tliet sulari? Ma jirrizultax. F'liema vesti kien applika l-appellant biex jirriattiva l-permess? Ma jirrizultax. Fis-26 ta' Settembru 2000 il-MEPA kienu nfurmaw lill-appellant li ma setax japplika ghar-riattivar tal-permess izda kellu japplika *"to sanction the construction of ground floor garages (19 in no.), four flats at first floor and four flats at second floor and proposed change of use from garage to beauty salon"*. L-appellant baqa' ma applikax. Ghaliex? Kellu interess dirett jew le f'dan il-bini? Ma jirrizultax.

Konsegwentement ma jistax jinghad li fl-ahhar snin qabel is-7 ta’ Awissu 1992 (data tal-komparixxi) l-appellant ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga fi Triq Santa Katerina kantuniera ma’ Triq il-Kileb, Mqabba, li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, minghajr dak il-permess, jew mhux skond il-kundizzjonijiet ta’ dak il-permess.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------